

— bir-rata ta' 5 % fis-sena mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006;

— bir-rata ta' 5, 25 % fis-sena mill-1 ta' Jannar 2007 sal-ħlas totali tad-dejn

2) M'hemmx lok li tiġi deċiża t-talba magħmula kontra Internet Commerce Network.

3) Dane-Elec Memory għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawġ tal-Kummissjoni.

4) Internet Commerce Network għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 212 tat-2.9.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Chatziioannidou**

(Kawża T-20/07 P) (<sup>1</sup>)

**(“Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Annullament fl-ewwel istanza ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relatati mal-kalkolu tal-ħlasijiet ta' pensjoni — Trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni nazzjonali”)**

(2007/C 247/55)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

**Appellanti:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u K. Herrmann, aġenti)

**Parti oħra fil-kawża:** Eleni Chatziioannidou (Auderghem, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) ta' l-14 ta' Novembru 2006, Chatziioannidou vs Il-Kummissjoni (F-100/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), li jitlob l-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv tas-sentenza**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni għandha tbat l-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 69, 24.3.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Awwissu 2007 — SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-186/05) (<sup>1</sup>)

**(“Rikors għal kumpens — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad ilment ibbażat fuq l-Artikolu 82 KE — Rikors in parti manifestament inammissibbli u in parti manifestament mhux fondat fid-dritt — Eżistenza tad-dannu”)**

(2007/C 247/56)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

**Rikorrenti:** SELEX Sistemi Integrati SpA, li qabel kienet Alenia Marconi Systems SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: F. Sciaudone, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Bouquet, L. Visaggio u F. Amato, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għal kumpens tad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2004, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti dwar allegat ksur minn Eurocontrol tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE fil-qasam tal-kompetizzjoni.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala in parti manifestament inammissibbli u in parti manifestament mhux fondat fid-dritt.

2) SELEX Sistemi Integrati SpA għandha tbat l-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 217 ta' 3.9.2005.